Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,647, 18 ta' Ġunju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet u biex jipprovdu dwar ħwejjeġ anċillari għal dawn jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.

ACT No. XXXIII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend various laws relating to communications and to make provision with respect to matters ancillary thereto or connected therewith.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

18 ta' Ġunju, 2021

ATT Nru XXXIII tal-2021

ATT sabiex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet u biex jipprovdu dwar ħwejjeġ anċillari għal dawn jew li għandhom x'jaqsmu magħhom.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

TAQSIMA I
EMENDI GĦALL-ATT GĦAT-TWAQQIF TA' AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Emendi għall-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.
Kap. 418.

2. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "impriża" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "interfaċċa *online*" tfisser kwalunkwe *software*, inkluż sit web, jew applikazzjoni li jkunu operati minn jew f'isem kummerċjant, li jservu biex utenti finali jkollhom aċċess għall-merċi jew servizzi tal-kummerċjant;";

(b) minnufih wara t-tifsira "komunikazzjoni" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kummissjoni Ewropea" tfisser il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "kuntrattur" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "membru", kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, tinkludi lill-President tal-Awtorità;"; u

(d) minnufih wara t-tifsira "President" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qorti Ċivili" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili;". L.S. 12.19

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "kull ħaġa regolata minn jew taħt dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "kull ħaġa regolata minn jew taħt dan l-Att jew kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tinforza";

(b) fil-paragrafu (j) tiegħu minflok il-kliem "tistabbilixxi l-kwalifiki minimi" għandhom jidħlu l-kliem "tistabbilixxi linji gwida dwar il-kwalifiki minimi".

Sostituzzjoni tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tmexxija tal-affarijiet tal-Awtorità

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, l-affarijiet u x-xogħol tal-Awtorità għandhom ikunu jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Bord, iżda salv kif hawn aktar qabel imsemmi, l-amministrazzjoni ta' kuljum u l-organizzazzjoni tal-Awtorità u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità, li jkollu wkoll dawk il-poteri l-oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu delegati lilu mill-Bord:

Iżda l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jiġi maħtur mill-Bord skont kriterji fissi wara sejħa għall-applikazzjonijiet. Kwalunkwe ħatra ta' din ix-xorta għandha tkun għal perjodu ta' tliet snin, liema ħatra tista' tiġi estiża għal perjodi simili ta' tliet snin kull waħda.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (1), l-Awtorità għandha teżerċita xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet tagħha permezz tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew ta' xi wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħha jew permezz ta' xi awtorità pubblika jew aġenzija, ikunu kif ikunu deskritti, li tkun awtorizzata għal dak l-għan, jew permezz ta' kuntrattur jew persuna oħra li magħhom ikun sar ftehim għat-twettiq ta' xi waħda jew aktar minn dawk il-funzjonijiet:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tawtorizza lill-Awtorità li tikkuntratta jew tiddelega xi ħaġa mill-:

(a) funzjonijiet regolatorji tagħha; jew

(b) funzjonijiet ta' awtorizzazzjoni tagħha, kemm-il darba dawk il-funzjonijiet ma jiġux espressament delegati lil xi awtorità pubblika mwaqqfa bil-liġi. L-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha ssemmi b'isimha lill-awtorità pubblika li jiġu delegati lilha dawk il-funzjonijiet ta' awtorizzazzjoni u t-tip ta' awtorizzazzjoni li dwarha dawk il-funzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jiġu delegati. L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien, wara li jkollha l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru, b'ordni fil-Gazzetta temenda l-Ewwel Skeda:

Iżda wkoll il-Ministru, qabel ma jagħti l-approvazzjoni tiegħu, għandu, meta jkun adatt, jikkonsulta lil dak il-Ministru l-ieħor li jkun responsabbli għall-awtorità pubblika li jkunu ser jiġu delegati lilha dawk il-funzjonijiet ta' awtorizzazzjoni.

(3) L-Awtorità għandha jkollha riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati biex taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u taħt kwalunkwe liġi oħra applikabbli li l-Awtorità għandha jedd li tinforza. Hi għandha jkollha l-awtonomija fit-twettiq tal-*budget* tagħha skont il-liġi applikabbli liema *budget* għandu jkun pubbliku.

(4) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jattendi għal-laqgħat kollha tal-Bord iżda ma jkollux vot waqt dawk il-laqgħat.

(5) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Awtorità fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, kif imfassla mill-Bord, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi huwa għandu:

(a) jassumi kull responsabbiltà għall-amministrazzjoni, sorveljanza u kontroll tad-diversi taqsimiet, ikunu kif ikunu deskritti, li jagħmlu parti mill-Awtorità;

(b) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Awtorità, u jimplimenta dawn l-istrateġiji skont kif ordnat mill-Bord;

(ċ) jagħti parir lill-Bord dwar kull ħaġa li din tista' tirriferilu jew dwar kull ħaġa li huwa jqis li tkun meħtieġa jew spedjenti;

(d) dawk id-dmirijiet l-oħra li l-Bord jista' jassenjalu minn żmien għal żmien; u

(e) fit-tmiem ta' kull sena finanzjarja, jippreżenta stimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Awtorità għas-sena finanzjarja li jmiss lill-Bord għall-approvazzjoni tiegħu.

(6) Il-ħatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandha tkun fuq bażi *full-time* u ssir skont id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan l-Att:

Iżda l-ebda membru tal-Bord ma jista' jiġi appuntat bħala l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni waqt li jkun membru tal-Bord.".

6. L-artikolu 29 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) tixtri oġġetti jew servizzi bħala test ta' xiri, fejn meħtieġ, b'identità moħbija sabiex tkun tista' tikxef kull ksur ta' xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha setgħa li tinforza, jew ta' xi deċiżjoni meħuda mill-Awtorità, u li tikseb xhieda, inkluża s-setgħa li tispezzjona, tosserva, tistudja, tiżmonta jew tittestja oġġetti jew servizzi;";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "għandu, jekk hekk jiġi mitlub jagħmel mill-persuna milquta b'dan, juri lil dik il-persuna li tkun se ssirilha spezzjoni ċertifikat maħruġ mill-Awtorità fejn jiġi ddikjarat li huwa jkun awtorizzat kif imiss biex jaġixxi għall-Awtorità u f'isimha." għandhom jidħlu l-kliem "għandu juri sabiex jiġi spezzjonat minn kull min affettwat b'dan, dokument ta' identità maħruġ mill-Awtorità fejn jiġi wkoll dikjarat li huwa jkun awtorizzat kif imiss biex jaġixxi għall-Awtorità u f'isimha."; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "tnax-il elf euro (€12,000)" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000)".

7. Minnufih wara s-subartikolu (8) tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

"(9) Mingħajr preġudizzju għal kull proċedimenti li l-Awtorità tista' tistitwixxi taħt din it-Taqsima, l-Awtorità tista', f'kull waqt qabel id-deċiżjoni finali tagħha li tkun tirrigwarda l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet b'konsegwenza ta' dawk il-proċedimenti, fid-diskrezzjoni tagħha biss, tfittex li tikseb jew li taċċetta kull impenn bil-miktub mingħand persuna responsabbli għal xi ksur ta' xi liġi jew deċiżjoni li l-Awtorità jkollha jedd tinforza:

Iżda meta tkun qiegħda tagħmel dan l-Awtorità tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li hija tista' tqis li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi u hija għandha f'kull każ taġixxi b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u oġġettiv.".

8. Minnufih wara l-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiżdied Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

A 650

dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ordnijiet biex jitneħħa kontenut fuq interfaċċa *online* eċċ.

32A. (1) Jekk minkejja d-diversi setgħat ta' infurzar li hemm provdut dwarhom taħt din it-Taqsima, ma jkun hemm disponibbli ebda mezz ieħor effettiv li jikkaġuna l-waqfien jew projbizzjoni tal-ksur ta' xi liġi jew ta' xi deċiżjoni li l-Awtorità jkollha jedd tinforza, l-Awtorità tista', sabiex tevita r-riskju ta' danni gravi lill-interessi tal-utenti finali, tagħmel rikors quddiem il-Qorti Ċivili biex din toħroġ ordni li tkun teħtieġ:

(a) lil persuna tneħħi l-kontenut u tirrestrinġi l-aċċess għal interfaċċa *online* jew li tordnalha turi l-wiri espliċitu ta' twissija lill-utenti finali meta dawn jaċċedu għal interfaċċa *online*;

(b) lil provditur ta' servizz ta' *hosting* biex ineħħi, jiddiżattiva jew jirrestrinġi aċċess għal interfaċċa *online*; jew

(ċ) meta jkun adatt, lil reġistri tad-dominju jew lil reġistraturi biex iħassru isem ta' dominju li jkun għalkollox kwalifikat u biex l-enti nazzjonali kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' dak l-isem ta' dominju tkun tista' tirreġistra dan.

(2) Il-qorti, wara li tirċievi rikors magħmul skont is-subartikolu (1), għandha tordna n-notifika tar-rikors b'urġenza lill-persuna li kontriha l-ordni tal-qorti tkun qed tintalab, liema persuna jkollha d-dritt li tagħmel risposta għar-rikors f'dak iż-żmien li l-qorti tista' tiddetermina, liema żmien ma għandux jeċċedi għaxart (10) ijiem jew kwalunkwe żmien inferjuri li l-qorti tista' tqis xieraq skont iċ-ċirkostanzi u liema żmien għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika:

Iżda l-qorti għandha tqis u tiddetermina kull rikors bħal dan b'urġenza:

Kap. 12.

Iżda wkoll bla ħsara għal dak imsemmi qabel id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar is-smigħ u deċiżjoni ta' kawżi u ta' kwalunkwe appelli li jistgħu jsiru minnhom għandhom ikunu japplikaw għal kull kawża bħal dik:

Iżda wkoll b'dana illi mid-digriet tal-Qorti Ċivili għandu jkun hemm dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell fuq punt ta' liġi.

(3) Kull min jonqos milli jħares xi ordni maħruġa kif hemm fis-subartikolu (1) jista' jeħel penali ċivili imposta mill-Qorti Ċivili ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, jew penali ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' tħaris, u dik il-penali jew dawk il-penalitajiet li jistgħu jiġu imposti għandhom jitqiesu bħala debitu ċivili li għandu jitħallas lill-Awtorità kif hemm fl-artikolu 49.".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet finali, obbligazzjonijiet jew ordnijiet.

33A. L-Awtorità tista' tippubblika kull deċiżjoni finali li tkun ittieħdet minnha taħt din it-Taqsima, u, jew kull impenn li jingħata minn persuna kif hemm fl-artikolu 32 fuq is-sit elettroniku tagħha u fuq dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni l-oħra li tista' tqis li jkunu adatti. Meta tkun qiegħda tagħmel dan l-Awtorità tista', meta jkun japplika, tippubblika l-identità tal-persuna responsabbli għall-ksur li jkollu x'jaqsam mad-deċiżjoni finali li tkun ittieħdet.".

Emenda fin-nota marġinali tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali.

10. Fin-nota marġinali tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "tal-Bord tal-Appelli" għandhom jidħlu l-kliem "tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".

Tħassir tal-artikolu 40A tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 40A tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali.

12. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "Iżda meta t-Tribunal ikun qiegħed jiddeċiedi dwar xi rikors bħal dak" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda wkoll meta t-Tribunal jew il-

Qorti tal-Appell, kif ikun il-każ, ikun qiegħed jiddeċiedi dwar xi rikors".

Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali.

13. Fl-artikolu 45 tal-Att prinċipali l-kliem "il-membri tal-kumitati konsultattivi" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali.

14. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali l-kliem "iċ-*Chairman* jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-President, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità".

TAQSIMA II
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IL-KOMUNIKAZZJONIJIET U TRANSAZZJONIJIET ELETTRONIĊI

Emendi għall-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi. Kap. 426.

15. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista’ jappunta b’avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta’ din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

16. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali l-kliem "u tar-Regolament" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 8F tal-Att prinċipali.

17. Fl-artikolu 8F tal-Att prinċipali minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8G, l-għoti ta’ servizzi minn soċjetà ta’ informazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "L-għoti ta’ servizzi minn soċjetà ta’ informazzjoni".

Tħassir tal-artikoli 8G u 8H tal-Att prinċipali.

18. L-artikoli 8G u 8H tal-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

19. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(1) Kuntratt elettroniku m’għandux ma jkollux effett, validità jew eżegwibbiltà legali biss abbażi li dan għal kollox jew f’parti minnu jkollu format elettroniku, jew għax ikun intgħamel għal kollox jew f’parti minnu permezz ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi jew xort’oħra:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu m’għandhomx ikunu japplikaw f’dak li jkollu x’jaqsam ma’

kuntratti jew liġijiet, jissejħu kif jissejħu, elenkati fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda wkoll il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lir-regolatur kompetenti, b'avviż fil-Gazzetta jemenda t-Tmien Skeda.".

Emenda tal-artikolu 23A tal-Att prinċipali.

20. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 23A tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Ir-regolatur kompetenti jista' meta jkun qed iwettaq il-ħidmiet superviżorji tiegħu kif imsemmija fir-Regolament, jiddeċiedi kull ħtieġa teknika u, jew operattiva hekk kif dan jista' jqis li tista' tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni u, jew tħaris effettiv ma' kull dispożizzjoni tar-Regolament:

Iżda meta jkun qed jagħmel dan ir-regolatur kompetenti għandu l-ewwel jikkonsulta lil kull parti li jista' jkollha interess.".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

21. Fl-artikolu 24 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "l-artikoli 20, 22 u 23 tal-Att" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 22 u 23 tal-Att".

Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

22. Il-proviso mal-artikolu 25(1)(f) tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (i) tiegħu għandu jiġi mħassar u s-subparagrafi (ii), (iii) u (iv) tiegħu għandhom rispettivament jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (i), (ii) u (iii); u

(b) is-subparagrafu (i) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(i) kull penali amministrattiva li hemm provdut dwarha f'regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' mija u ħamsa u għoxrin elf euro (€125,000) għal kull ksur u elfejn u ħames mitt euro (€2,500) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej in-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' regolament magħmul taħthom;".

Emenda tal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

23. Il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) affarijiet li jirrigwardaw servizzi ta' soċjetà ta'

informazzjoni li jaqgħu taħt liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' protezzjoni u, jew il-privatezza tad-*data*;";

(b) fil-paragrafu (ċ) tagħha minflok il-kliem "prattika regolati mil-liġijiet dwar il-kompetizzjoni;" għandhom jidħlu l-kliem "prattika regolati mil-liġijiet dwar il-kompetizzjoni; u";

(ċ) il-paragrafu (d) tagħha għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(i) is-subparagrafu (i) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ii) is-subparagrafi (ii) u (iii) tiegħu għandhom jiġu rinumerati bħala s-subparagrafi (i) u (ii); u

(iii) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, kif rinumerat, il-kliem "inklużi lotteriji u transazzjonijiet ta' mħatri;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "inklużi lotteriji u transazzjonijiet ta' mħatri."; u

(d) il-paragrafi (e) sa (k) tagħha għandhom jiġu mħassra.

Żieda tat-Tmien Skeda ġdida mal-Att prinċipali.

24. Minnufih wara s-Seba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda ġdida li ġejja:

"**IT-TMIEN SKEDA**
(Artikolu 9)

Kuntratti jew liġijiet li ma japplikax għalihom l-artikolu 9

(a) kuntratti li joħolqu jew jittrasferixxu drittijiet fuq proprjetà immobbli minbarra drittijiet ta' kiri;

(b) kuntratti ta' pleġġerija mogħtija u fuq assikurazzjoni kollaterali mogħtija minn persuni li jaġixxu għal finijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħhom;

(ċ) il-liġi li tirregola l-ħolqien, l-eżekuzzjoni, l-emenda, il-varjazzjoni jew ir-revoka ta' testment jew kull strument testamentarju ieħor jew *trust*;

(d) kull liġi li tirregola l-għemil ta' affidavit jew ta' dikjarazzjoni solenni, jew li tkun teħtieġ jew tippermetti l-użu ta' xi wieħed minn dawn għal kull għan li jkun;

(e) kull regola, prattika jew proċedura ta' xi qorti jew tribunal, jissejħu kif jissejħu;

(f) kull liġi li jkollha x'taqsam mal-għoti ta' xhieda fi proċedimenti kriminali; jew

(g) kull kuntratt regolat bil-liġi tal-familja.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 473 tal-14 ta' Ġunju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati